MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 212/2002

**Appell Nru 212/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Agius**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Agius talli fl-14 ta' Mejju, 1998 filghaxija f'Ta' Qali (**1**) ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAE-741 ta' ghamla Ford Cortina, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, lok, xorta tal-haga misruqa u valur (li ma jeccedix l-elf lira), u (**2**) ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Jannar, 1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-19 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Brian Agius hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (b'dan, pero`, li fir-rigward tas-serq huwa gie liberat mill-aggravju tal-valur); dik is-sentenza tkompli hekk fil-parti konkluziva taghha:

***Il-Qorti tordna illi l-imsemmija sentenza tat-22 ta' Jannar, 1998 ghandha tigi fis-sehh u inoltre l-Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta' sentejn.***

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Brian Agius, minnu ppresentat fit-30 ta' Settembru, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi – senjatament id-deposizzjoni ta' Dun Carmel Pulis MSSP – u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. Jigi precisat, qabel xejn li fl-udjenza tat-3 ta' Jannar, 2003 l-abbili difensur ta' l-appellant, a nom ta' l-istess appellant, ceda u rtira dik il-parti ta' l-ewwel aggravju li tirrigwarda l-kwalifika tal-lok ghal dak li huwa s-serq.

L-appellant jilmenta li ma jirrizultax pruvat l-aggravju jew kwalifika tal-mezz. Din il-Qorti ma taqbilx. Mill-provi jirrizulta li sid il-vettura halliha msakkra. Huwa veru li ma kien hemm ebda sinjali ta' sgass, pero` jkun hemm l-aggravju tal-mezz ukoll jekk is-serq isir permezz ta' imfietah foloz. Id-definizzjoni ta' "imfietah foloz" (Art. 265, Kap. 9) tinkludi mfietah imxebbhin kif ukoll imfietah imqabblin; tinkludi wkoll kull bicca ghodda tajba biex tiftah jew tnehhi qofol, ta' kull xorta li jkun, sew ta' gewwa kemm ta' barra. Jekk wiehed kellu jemmen lil sid il-vettura – u ma hemm xejn li jindika li m'ghandux jitwemmen – l-appellant bilfors li fetah il-vettura (kif ukoll xeghel il-

magna) permezz ta’ cavetta falza li necessarjament taqa’ fid-definizzjoni aktar ‘l fuq imsemmija.

L-appellant jilmenta wkoll li ma gietx pruvata l-kwalifika tal-hin. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun. Peress li r-reat ta’ serq huwa reat istantanju u mhux reat permanenti, il-hin relevanti huwa ta’ meta sar it-tehid tal-haga u mhux ta’ meta l-oggett gie misjub fil-pussess tal-halliel. F’dan ir-rigward, l-uniku accenn ghall-hin ta’ meta sar it-tehid jinsab fid-deposizzjoni ta’ P.C. 1547 John Debattista (fol. 34) li pero` kien qed jixhed dwar x’qallu haddiehor, b’mod ghalhekk li dik il-parti tad-deposizzjoni dwar il-hin tas-serq hija *hearsay*. Ghalhekk l-aggravju dwar din il-kwalifika ser jigi milqugh.

Aggravju iehor ta’ l-appellant huwa li l-ewwel qorti ma setghetx tordna li s-sentenza tat-22 ta’ Jannar, 1998[1] tigi fis-sehh, ossia tigi operattiva, u dan peress li din is-sentenza kienet diga giet hekk operattiva permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta’ Settembru, 2001, u finalment deciza minn din il-Qorti (cioe` mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali) fit-8 ta’ Jannar, 2002. Dana l-aggravju jirrizulta fondat, kif jidher car kemm mill-fedina penali aggornata ezibita mill-Avukat Generali kif ukoll mill-kopja ta’ “ticket” tal-habs (mahrug mid-deputat registratur ta’ din il-Qorti) u anness man-nota ta’ l-appellant tas-7 ta’ Jannar, 2003.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena ta’ sentejn prigunerija, li l-appellant iqis li kienet piena eccessiva tenut kont tal-fatt li sid il-vettura ma sofra ebda hsara u sab il-vettura ftit sieghat wara li kienet insterqet. Mill-banda l-ohra, pero`, din il-Qorti tosserva li l-appellant ghandu precedenti penali li kjarament juru li hu ripetutament deherlu li seta’ jaghmel tieghu proprjeta` li kienet ta’ haddiehor. In fatti, mill-fedina penali aggornata jirrisultaw erba’ kundanni precedenti ghal serq, kundanna ghal tentattiv ta’ serq, u kundanna ta’ “furto d’uso” ta’ karozza (oltre kundanni ohra dwar sewqan perikoluz u minghajr kopertura tal-assigurazzjoni). Huwa

---

[1] Mhux “22 ta’ Jannar <u>2002</u>”, kif erroneament indikat fit-tielet faccata tar-rikors ta’ appell.

nghata diversi opportunitajiet biex jirriforma, izda jidher li dan kien kollu ghal xejn. Fic-cirkostanzi din il-Qorti tista' biss taghmel aggustament zghir fil-piena minhabba l-fatt li ser tilliberah mill-kwalifika tal-hin.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi (**1**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat li s-sentenza tat-22 ta' Jannar, 1998 tigi fis-sehh; (**2**) thassarhu u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija **u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sena (1) u tmien (8) xhur prigunerija**, u (**3**) tikkonfermaha fil-bqija, cioe` ghar-rigward tas-sejbien ta' htija fuq l-imputazzjoni ta' serq, b'dan pero`, li s-serq qed jigi dikjarat li kien kwalifikat biss bil-mezz, lok u xorta tal-haga misruqa.

-------------------------------TMIEM-------------------------------